MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 71/2010

**Maria Assunta Spiteri**

**Vs**

**Joseph u Dorianne konjugi Micallef**

***Res judicata* – Ma tistax issir kawza sabiex tinnewtralizza gudikat billi jigu sollevati ragunijiet illi messhom tressqu fil-kors tal-ewwel process u li fihom l-parti kellha kull opportunita’ li tqajjimhom.**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob ir-rexxissjoni ta’ konvenju li gie ffirmat fil-21 ta’ Awwissu 2006 li bih obbligat ruhha li tbiegh lill-konvenut garaxx bin-numru 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex. It-talba hi bazata fuq l-allegazzjoni li permezz ta’ dak il-ftehim kienet inholqot obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza u rizultat ta’ qerq. Dawn wara li ppremettiet li: “...... *kienet inghatat x’tifhem sew mir-ragel ta’ ohtha*

*Vincent Zammit kif ukoll mill-konvenut Joseph Micallef li kull ma kienet sejra taghmel kien biss li tiggarantixxi dejn li l-imsemmi Vincent Zammit kellu fil-konfront tal-konvenut, Joseph Micallef.”*.

Il-konvenuti pprezentaw risposta guramentata (fol. 14) u b’mod preliminari eccepew li:-

1. L-azzjoni hi milquta minn *res judicata* in kwantu l-validita tal-iskrittura hi konfermata minn sentenza ta’ din il-qorti li nghatat fil-kawza **Joseph Micallef et vs Maria Assunta Spiteri** (Rikors numru 59/2007).
2. It-talbiet attrici huma milquta minn preskrizzjoni skond l-Artikolu 1222 u 1223 tal-Kodici Civili.

F’dan l-istadju ser tinghata sentenza fuq dawn l-eccezzjonijiet (ara verbal tat-12 ta’ Ottubru 2010).

Fil-21 ta’ Ottubru 2010 il-konvenuti pprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet. L-attrici ma wegbitx.

**<u>Fatti</u>**.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

a. Fl-4 ta’ Frar 2009 inghatat sentenza fil-kawza **Joseph Micallef et vs Maria Assunta Spiteri** (Rikors numru: 59/2007) li permezz taghha Spiteri giet kundannat tittrasferixxi l-garaxx 7A, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex lill-konjugi Micallef. Minn din is-sentenza ma sarx appell.
b. Permezz ta’ rikors prezentat fil-5 ta’ Marzu 2009 (numru 20/2009) Spiteri talbet ir-ritrattazzjoni tas-sentenza li nghatat fl-4 ta’ Frar 2009. B’sentenza li nghatat fl-14 ta’ April 2009 it-talba giet michuda. Sentenza li giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Lulju 2009.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Il-qorti tibda biex tirrileva li hu evidenti li l-hsieb tal-attrici hu li tipprova ggib fix-xejn l-effetti tas-sentenza li nghatat minn din il-qorti fl-4 ta’ Frar 2009.

2. Fl-ewwel kawza l-kwistjoni tal-qerq kienet giet trattata u l-qorti kkonkludiet kontra t-tezi ta’ Spiteri (ara pagna 6-12 tas-sentenza). Ghalhekk m’hemmx dubju li din il-kwistjoni ma tistax terga’ tigi sollevata f’din il-kawza li hi wkoll bejn l-istess partijiet.

3. Hu minnu li fl-ewwel kawza ma kenitx inghatat eccezzjoni li l-ftehim kien minghajr kawza jew maghmul fuq kawza falza. B’daqshekk ma jfissirx li Spiteri ghandha dritt li tipprova twarrab l-effetti tas-sentenza li nghatat fl-4 ta’ Frar 2009 billi tintavola kawza u taghmel dak li suppost ghamlet fl-ewwel kawza jew f’kawza li setghet ipprezentat waqt is-smiegh tal-ewwel kawza. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Joseph Vella vs Emanuel Falzon** deciza fil-25 ta’ Frar 1997, osservat:-

*“.... l’exceptio rei judicatae ghandha bhala fundament il-fatti ta’ l-interess pubbliku u wkoll, ghax ‘interest reipublicae ut sit finis litium’. Hu car illi kemm l-oggett tal-prezenti kawza, kif ukoll dak tal-kawza deciza bis-sentenza tat-2 ta’ Marzu 1993, hu l-ezekuzzjoni ta’ l-istess appalt koncess mill-appellant odjern u kummissjonat minnu, u l-pagament tal-prezz miftiehem ghal tali xoghol. Hu ovvju li fis-sostanza, iz-zewg azzjonijiet huma iz-zewg faccati ta’ l-istess midalja naxxenti mill-istess negozju. Fl-ewwel kawza l-attur jitlob il-pagament ghax-xoghol minnu ezegwit u ghal dik it-talba l-konvenut seta kieku ried jopponi illi l-pagament ma kienx dovut ghaliex ix-xoghol ma kienx sar skond l-arti u s-sengha. Eccezzjonijiet li jifformaw proprju il-premessi ghat-talbiet fl-azzjoni odjerna.*

*...... l-Qorti izzid dan, multo magis,* ***meta l-appellant kellu kull opportunita li jikkontesta proprju l-premessi avanzati ghat-talbiet tieghu fil-kawza odjerna u dana permezz ta’ eccezzjonijiet ghat-talba ta’ l-appellat***

***ghall-pagament ta' dak li kien allura diga' jaf li kien xoghol, skond hu, difettuz u mhux skond l-arti u s-sengha."***.

F'dan il-kuntest il-gurisprudenza li ghamlu riferenza ghaliha l-konvenuti hi wkoll rilevanti. Hekk per ezempju l-Qorti tal-Appell fil-kawza **Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana** deciza fil-11 ta' Gunju 1956 (Volum XL.i.555) osservat:-*"il-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien imissha jew setghet tigi sollevata in relazzjoni ma' l-azzjoni stess; bil-konsegwenza li mhumiex ammissibbli eccezzjonijiet godda li jkollha bhala effett li jannullaw jew jillimitaw l-effetti ta' dak il-gudikat."*. Il-qorti kompliet *"Infatti, il-gudikat isir mhux biss rigward dak li gie espressament diskuss, 'ma ancora a quanto avrebbe dovut discutersi e non fu discusso dalla parte che doveva discutere per la propria istanza od eccezione" (Vol. XXXIV.i.74)."*[1].

4. Bla pregudizzju fir-rigward tat-tieni eccezzjoni jigi rilevat li l-azzjoni ghar-rexxisjoni minhabba eghmil doluz, jew li l-obbligazzjoni hi minghajr kawza jew maghmula fuq kawza falza hi milquta minn preskrizzjoni ta' sentejn (Artikolu 1222 tal-Kodici Civili). Fil-kaz ta' eghmil doluz u kawza falza, il-preskrizzjoni ghandha tiddekorri minn dakinhar li jinkixef id-difett (Artikolu 1223(1) tal-Kodici Civili) mentri fil-kaz ta' obbligazzjoni minghajr kawza, iz-zmien ghandu jiddekorri minn dakinhar tal-kuntratt. L-iskrittura giet iffirmata fil-21 ta' Awwissu 2006.

Il-fatt li qeghda tallega l-attrici fil-kawza odjerna u li fuqu giet bazata din il-kawza, kienet diga' semmietu fil-kawza l-ohra deciza fl-4 ta' Frar 2009. Tant hu hekk li fir-risposta guramentata li kienet ipprezentat fil-**21 ta' Awwissu 2007** qalet li kienet ressqet ghall-iskrittura bl-iskop li taghti garanzija u mhux biex taghmel weghda ta' bejgh, u li n-negozju guridiku kien gie kwalifikat bhala bejgh minhabba fabbrikazzjoni li saret bejn il-konjugi Micallef u l-avukat

---

[1] Ara wkoll **Carmelo Camilleri vs Spiru d'Amato** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 1956 Volum XL.i.65.

taghhom.  Mela f’dak iz-zmien kienet diga’ qeghda ssostni li l-kuntratt ma kienx jiswa ghaliex kien hemm difett f’rekwiziti essenzjali, u liema fatt kien jintitolaha tipprocedi ghar-rexxisjoni tal-ftehim minhabba eghmil doluz u kawza falza. Mid-data tal-prezentata tar-risposta guramentata fil-kawza numru 59/2007 sakemm fis-26 ta’ Awwissu 2010 ipprezentat din il-kawza, ghaddew iktar minn sentejn li fihom kellha ssir l-azzjoni ghar-rexxissjoni. Ghaddew ukoll iktar minn sentejn mid-data tal-kuntratt u ghalhekk l-azzjoni taghha hi wkoll milquta mill-preskrizzjoni in kwantu l-kawza hi bazata fuq talba ghar-rexxissjoni ta’ obbligazzjoni li skond l-attrici nholqot minghajr kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

1. **Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni;**
2. **Tilqa’ t-tieni eccezzjoni;**

**u ghalhekk tichad it-talbiet tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------